

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/1024

tas-16 ta' Mejju 2023

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/1/2023)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, fkonformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjoni rilevanti għall-fini li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) inkluż, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li taħtar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/813 (²), li testendi l-mandat tal-EUAM Ukraine sal-31 ta' Mejju 2024.
- (3) Fl-10 ta' Mejju 2022, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/744 (³), li testendi l-mandat tas-Sur Antti HARTIKAINEN bħala l-Kap tal-Missjoni sal-31 ta' Mejju 2023.
- (4) Fl-24 ta' April 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUAM Ukraine,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Rolf Michael Hay Pereira HOLMBOE huwa b'dan maħtut bħala l-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) mit-12 ta' Ġunju 2023 sal-31 ta' Mejju 2024.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

*D. PRONK*

<sup>(¹)</sup> ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.

<sup>(²)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/813 tal-20 ta' Mejju 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 180, 21.5.2021, p. 149).

<sup>(³)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/744 tal-10 ta' Mejju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM UKRAINE/1/2022) (ĠU L 137, 16.5.2022, p. 82).